TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 94/15-F

**Joseph Salerno**

**vs**

**U.C.I.M Co. Ltd.**

Illum, 3 ta' Diċembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 t'April, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, wieħed u sittin ewro (€1,061), rappreżentanti danni subiti mir-rikorrenti riżultat ta' tiswija ħażina *daparte* tas-soċjeta' ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-vettura tiegħu għal xi tiswija u waqt it-tiswija sab diversi nuqqasijiet, bħal eżempju l-kompjuter ma kienx qed jaħdem u f'dik il-ġurnata kellu jħalli l-karozza hemm. L-għada ried jeħodha, allura talbuh ħamsa u sebgħin ewro (€75) tax-xogħol, u wara xi xahar il-kont tela' għal ħames mija u wieħed u sittin ewro, u ħamsa w ħamsin ċenteżmi (€561.55) u ħallas taħt protesta. Xahar wara reġgħu talbuh iħallas ħamsa u ħamsin ewro, u wieħed u disgħin ċenteżmi (€55.91) oħra.

L-intimat issottometta illi t-tiswija saret u kellu jagħmel xi setting ukoll, pero' innota illi l-batterija kienet qed tillikja u l-problema kienet ġejja mill-*alarm system* u għalhekk kellhom isiru dawk it-tiswijiet. Jirriżulta pero' li kien hemm xi inkonvenjent għar-rikorrenti minħabba l-fatt illi fuq ammissjoni stess ma kienx hemm il-lead tal-kompjuter u kellu jmur l-għada.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li l-kawża kienet ukoll mertu ta' xi sekwestri u kawżi l-qorti li mhux se jidħol fiha, la għall-ispejjeż u lanqas għal mertu. Pero' jinnota li r-rikorrenti sofra ċertu inkonvenjent minħabba ċertu nuqqasijiet *daparte* tas-soċjeta' ntimata.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**